



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 3 ta' Marzu 2014
(OR. en)**

7204/14

**WTO 92
COMER 73
COASI 38
CODEC 634**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Frar 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 109 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2014) 109 final.

Mehmuż: COM(2014) 109 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.2.2014
COM(2014) 109 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u
l-Korea**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea

1. Introduzzjoni

L-1 ta' Lulju 2013 kien it-tieni anniversarju tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Korea ("il-Korea"), li sa minn Lulju 2011 kien applikat provviżorjament.¹ Huwa l-ewwel wieħed f'ġenerazzjoni ġdida ta' FTA, ikkaratterizzat min-natura estensiva u komprensiva tiegħu. Huwa wkoll l-ewwel ftehim kummerċjali tal-UE ma' pajjiż Asjatiku.

Dan huwa t-tieni Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-FTA skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 511/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Korea². Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament imsemmi, il-Kummissjoni ta' kull sena tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Barra minn hekk, l-Artikolu 3(3) jistipula li l-Kummissjoni ta' kull sena tippreżenta rapport ta' monitoraġġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward l-istatistika aġġornata dwar l-importazzjonijiet mill-Korea ta' prodotti f'setturi sensittivi u f'dawk is-setturi li l-monitoraġġ ikun estenda ruħu għalihom. Dan ir-rapport għalhekk jgħaqqad flimkien dawn iż-żewġ rekwiżiti ta' rappurtar.

2. VALUTAZZJONI ĠENERALI: L-IŻVILUPP TAL-KUMMERĊ U L-IFFRANKAR TAD-DAZZU

2.1. Il-metodoloġija użata għall-analiżi

L-analiżi ta' hawn taħt, tal-flussi tal-kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Korea hija bbażata fuq paragun bejn id-dejta tat-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-FTA (Lulju 2012 – Ġunju 2013) u dik tas-sena qabel ma ġie applikat provviżorjament l-FTA (Lulju 2010 – Ġunju 2011).

Ta' min jinnota li t-tibdiliet fil-flussi tal-kummerċ ma jistgħux jiġu attribwiti biss għall-FTA, għaladarba fatturi oħra jinfluwenzaw il-flussi tal-kummerċ. Madankollu, iċ-ċifri pprovduti hawn taħt jagħtu indikazzjoni tajba ta' kif l-FTA ħadmet sa issa, u b'mod partikolari t-tendenza 'l fuq tar-rati ta' użu tal-preferenzi turi li n-negozji tal-UE qed jagħmlu aktar użu mill-FTA, għalkemm għad hemm lok għal titjib f'dan ir-rigward.

¹ L-FTA qed ikun applikat provviżorjament fl-UE sakemm jiġi rratifikat mill-Istati Membri kollha. Is-sitwazzjoni tar-ratifika tista' tiġi vverifikata fuq il-websajt tal-Ftehimiet tal-Kunsill: <http://www.consilium.europa.eu/policies/agreements/search-the-agreements-database?command=details&id=&lang=en&aid=2010036&doclang=EN>

² ĠU L 145, 31.5.2011, p. 19.

2.2. L-iżvilupp tal-flussi kummerċjali globali (il-prodotti)

L-esportazzjoni tal-prodotti mill-UE lejn il-Korea żdiedet b'24 %, jew EUR 7 biljun, fit-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-FTA, meta mqabbla mas-sena qabel ma ġie applikat provviżorjament l-FTA. Madankollu ż-żieda fl-esportazzjoni kienet inqas evidenti fit-tieni sena tal-FTA (8 %) milli fl-ewwel sena (15 %)³.

Meta l-esportazzjonijiet tal-prodotti jitqabblu mal-bqija tad-dinja, li żdiedu bi 17 % fl-istess perjodu, it-tendenza fil-Korea hija konsiderevolment aktar pożittiva milli minn ta' ħafna pajjiżi oħra.

B'kuntrast ma' dan, l-importazzjonijiet mill-Korea naqsu b'6 % fit-tieni sena ta' implimentazzjoni, meta mqabbla mas-sena qabel ma ġie applikat provviżorjament l-FTA, u kważi kull tnaqqis hu attribwit għat-tieni sena tal-FTA. F'termini ta' valur, l-importazzjonijiet waqgħu minn EUR 38 biljun għal EUR 35,7 biljun. L-importazzjonijiet mill-bqija tad-dinja għall-kuntrarju żdiedu b'4 % fl-istess perjodu, li jfisser li l-prestazzjoni dgħajfa tal-esportazzjonijiet mill-Korea ma tistax tiġi spjegata biss minħabba li kien hemm tnaqqis ġenerali fid-domanda fl-Ewropa. Madankollu, hemm raġunijiet oħra li wasslu għal din it-tendenza, bħat-tnaqqis fl-esportazzjonijiet tal-vapuri mill-Korea, minħabba l-kapaċità żejda u l-provvista eċċessiva flivell globali. L-esportazzjoni tal-vapuri ma kinitx megħjuna mill-FTA ladarba t-tariffa tal-UE kienet diġà żero qabel l-FTA. Raġuni oħra li tispjega l-prestazzjoni dgħajfa tal-esportazzjoni mill-Korea hija r-rilokazzjoni tal-produtturi elettronika mill-Korea għax-Xlokk tal-Asja, jiġifieri dawn il-prodotti li sejr in tajejeb ħafna fid-dinja kollha u fl-UE, mhux qed jiġu esportati mill-Korea skont il-preferenzi tal-FTA iżda pjuttost minn pajjiżi Asjatiċi oħra.

B'konsegwenza ta' dan, il-bilanċ kummerċjali mal-Korea tela' minn defiċit ta' 20 % jew EUR -7,4 biljun għal surplus ta' 6 % jew EUR 2,3 biljun, meta titqabbel is-sena qabel ma ġie applikat provviżorjament l-FTA mat-tieni sena tal-implimentazzjoni tiegħu. Din hi l-ewwel darba fi 15-il sena li l-UE għandha surplus kummerċjali mal-Korea.

2.3. L-iżvilupp tal-kummerċ tal-prodotti liberalizzati

Ħafna prodotti kienu ħielsa mid-dazju anki qabel l-FTA, filwaqt li oħrajn ma kinux immedjatament liberalizzati mill-FTA. Biex wieħed ikollu stampa aħjar tal-effetti potenzjali tal-FTA, wieħed għandu għalhekk jistudja mhux il-flussi kummerċjali globali iżda jaqsam il-flussi kummerċjali fi gruppi skont il-bidliet fit-tariffi applikati.

Għall-prodotti liberalizzati għalkollox bħala parti mill-FTA, l-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Korea żdiedu b'37 %, jew EUR 4,5 biljun, meta mqabbla mas-sena qabel ma ġie applikat provviżorjament l-FTA. Dan jista' jfisser żieda ta' 18 % fl-esportazzjoni tal-istess prodott lejn il-bqija tad-dinja. Il-fatt li l-esportazzjonijiet lejn il-Korea ta' dawn il-prodotti żdiedu aktar minn esportazzjonijiet lejn il-bqija tad-dinja, flimkien mal-fatt li l-prodotti li jirċievu trattament preferenzjali fil-Korea żdiedu aktar mill-esportazzjonijiet globali, juri l-effett pożittiv tal-FTA. Li kieku l-esportazzjonijiet lejn il-Korea żviluppaw biss skont l-esportazzjonijiet lejn il-bqija tad-dinja, kieku l-esportazzjonijiet kienu jonqsu bi EUR 2,3 biljun.

³ Il-perċentwali jirreferu għal +15 % fl-ewwel sena tal-FTA meta mqabbla mas-sena ta' qabel l-FTA, u għal + 8 % matul it-tieni sena tal-FTA meta mqabbla mal-ewwel (1) sena.

Għal oġġetti parzjalment liberalizzati biss⁴, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni kienet inqas impressjonanti (+24 %), u ftit li xejn aħjar mill-esportazzjoni tal-istess prodotti lejn il-bqija tad-dinja (+19 %). Madankollu, f'dan il-grupp, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni ta' prodotti bi tnaqqis tariffarju qawwi hija iktar b'saħħitha (31 %), milli għall-prodotti bi tnaqqis tariffarju iktar modest, li żdiedet b'20 %.

Fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Korea, anki jekk dawn b'mod ġenerali naqsu, dan mhuwiex il-każ għal oġġetti li għandhom aċċess preferenzjali mogħti mill-FTA. Dan it-tnaqqis huwa pjuttost minħabba tnaqqis fid-domanda fl-UE ta' prodotti bit-tariffa zero tal-Pajjiż l-Aktar Iffavorit (MFN), bħall-vapuri, kif spjegat hawn fuq. L-importazzjoni ta' prodotti mill-Korea totalment liberalizzati żdiedet b'21 %, u dik ta' oġġetti parzjalment liberalizzati żdiedet bi 23 % (il-kummerċ ta' prodotti mhux liberalizzati huwa marġinali). L-importazzjonijiet totali tal-UE mill-bqija tad-dinja ta' dawn il-prodotti baqgħu fissi f'dan il-perjodu, u għalhekk jidher li l-FTA kellha effett pożittiv anki fuq l-esportazzjonijiet Koreani lejn l-UE.

2.4. L-iffrankar tad-dazju u l-użu tal-preferenzi

L-iffrankar tad-dazju kien diġà potenzjalment konsiderevoli qabel l-implimentazzjoni sħiħa tal-FTA. Id-dazji li ġew potenzjalment iffrankati fuq l-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Korea kienu jammontaw għal madwar EUR 1,4 biljun matul it-tieni sena tal-FTA, apparagun ta' dak li kellu jitħallas għall-istess flussi tal-kummerċ b'livelli tariffarji ta' qabel l-FTA. Dan huwa tnaqqis ta' 77 % tat-tariffi mħallsa qabel l-FTA.

Fir-realtà l-preferenzi tal-FTA mhux dejjem jintużaw mill-esportaturi. Ir-rata ta' użu tal-preferenzi tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Korea, jiġifieri kemm it-tariffi tal-preferenzi huma applikati fil-prattika min-negozji, kienet ta' 66 % fil-perjodu ta' bejn Marzu u Ġunju 2013. Din hija żieda żgħira meta mqabbla mal-perjodu bejn Settembru 2012 u Frar 2013, meta kienet 64 %⁵.

Dwar l-użu Korean tal-preferenzi fis-suq tal-UE, iċ-ċifra fis-sena 2012 kienet ta' 77 %, li timplika li l-esportaturi Koreani qed jagħmlu użu aħjar tal-FTA apparagun tal-esportaturi tal-UE. Hemm haġna raġunijiet għal dan, waħda hi li l-esportaturi Koreani huma ta' spiss konglomerati kbar, misjuqa mill-esportazzjoni, filwaqt li min-naħa tal-UE, l-industrija hija iktar frammentata.

2.5. L-effetti settorjali, inkluż is-settur tal-karozzi

L-esportazzjonijiet tal-karozzi mill-UE għall-Korea żdiedu b'40 % bħala valur u bi 38 % bħala unitajiet, meta mqabbla mas-sena qabel ma l-FTA ġie applikat provviżorjament. Kien hemm biss żieda modesta ta' 4 % fl-esportazzjonijiet fl-ewwel sena tal-FTA, segwita minn żieda sinifikanti ta' 34 % bħala valur u ta' 29 % bħala unitajiet, fit-tieni sena. It-tendenza fl-esportazzjonijiet tal-karozzi lejn il-Korea hija konsiderevolment aktar pożittiva milli lejn il-bqija tad-dinja, fejn kienet irreġistrata żieda ta' 24 % bħala valur u ta' 25 % bħala unitajiet.

⁴ Hemm ukoll grupp ta' oġġetti li mhumiex liberalizzati, iżda dan il-grupp jirrappreżenta biss 2 % tal-linji tariffarji kollha u 1 % tal-kummerċ kollu tal-prodotti.

⁵ Ladarba d-dejta ma tinkludix informazzjoni dwar liema importazzjonijiet kienu eliġibbli għall-preferenzi, din ġiet issupplimentata b'ċifri marbutin ma' tariffi tal-MFN Koreani u ma' tariffi ta' preferenzi għall-UE mill-Bażi tad-Dejta dwar l-Aċċess għas-Suq.

L-importazzjoni tal-karozzi (HS8703) mill-Korea żdiedet bi 53 % bħala valur u b'36 % bħala unitajiet. Fl-ewwel sena tal-FTA kien hemm żieda qawwija li kienet segwita minn perjodu stabbli fit-tieni sena.

Apparagun mal-importazzjonijiet tal-karozzi mill-bqija tad-dinja, il-karozzi Koreani għamlu avvanzi ċari fis-suq tal-UE. L-importazzjonijiet tal-karozzi mill-bqija tad-dinja naqsu b'7 % bħala valur u b'14 % bħala unitajiet. Dan jimplika li, kemm bħala valur kif ukoll bħala unitajiet, is-sehem Korean żdied tal-karozzi importati mill-UE.

L-esportazzjonijiet tal-karozzi mill-UE għall-Korea ammontaw għal EUR 2,8 biljun fit-tieni sena tal-FTA filwaqt li l-esportazzjonijiet mill-Korea lejn l-UE fl-istess perjodu ammontaw għal EUR 4 biljun, li rriżultaw f'defiċit kummerċjali ta' EUR -1,2 biljun.

Rigward effetti settorjali oħra, l-akbar kisbiet tal-esportazzjonijiet tal-UE fis-suq Korean jistgħu jiġu osservati fis-settur tal-minerali (HS27), b'żieda fl-esportazzjonijiet ta' EUR 2,6 biljun, għalkemm din ma tidhirx li hija relatata mal-FTA. Is-settur kompletament liberalizzat tal-makkinarju u t-tagħmir mekkaniku (HS84) irreġistra madankollu kisbiet kbar, b'żieda fl-esportazzjonijiet bil-valur ta' EUR 1 biljun. Kienu ftit is-setturi li rreġistraw tnaqqis fl-esportazzjonijiet lejn il-Korea. L-akbar tnaqqis fl-esportazzjonijiet jista' jiġi osservat fis-settur tal-ħadid u l-azzar (HS73) bi tnaqqis ta' EUR 317-il miljun matul it-tieni sena tal-implimentazzjoni tal-FTA apparagun tas-sena qabel ma l-FTA ġie applikat provviżorjament.

Rigward l-importazzjonijiet mill-Korea, ta' min jinnota li l-importazzjonijiet ta' makkinarju tal-elettriku (HS85) u tal-vapuri (HS89) naqsu b'mod konsiderevoli, it-tnejn li huma b'aktar minn EUR 3 biljun. F'dak li għandu x'jaqsam mal-vapuri, dan jikkostitwixxi tnaqqis fil-valur tal-importazzjoni ta' 53 %, apparagun mas-sena qabel ma l-FTA ġie applikat provviżorjament. Minbarra ż-żieda fl-importazzjonijiet ta' vetturi bil-mutur, fl-importazzjonijiet ta' kwalunkwe settur ieħor ma kien hemm l-ebda żieda sostanzjali.

2.6. Servizzi

Id-dejta kummerċjali marbuta mas-servizzi tiġi fornuta ferm tard u hija aggregata wisq, li tagħmilha impossibbli sabiex jiġu stabbiliti paraguni aġġornati u ddettaljati tal-istess tip, simili għal tal-prodotti. Għaldaqstant sar paragon bejn is-sena kalendarja tal-2011 u dik tal-2010, jiġifieri s-sena meta l-FTA kien "nofsu implimentat" apparagun mas-sena kalendarja qabel ma l-FTA kien applikat provviżorjament.

Fuq din il-bażi, l-esportazzjonijiet tal-UE tas-servizzi (il-modalitajiet 1 u 2 ta' GATS) lejn il-Korea żdiedu b'9 % fl-2011 meta pparagunati mal-2010. Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet tas-servizzi mill-Korea naqsu bi 2 %, li rriżultaw f'surplus favur l-UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ tas-servizzi.

3. L-ATTIVITAJIET TAL-KORPI TA' IMPLIMENTAZZJONI STABBILITI SKONT L-FTA

Id-dispozzjonijiet istituzzjonali tal-FTA pprevedew l-istabbiliment ta' seba' Kumitati Speċjalizzati, seba' Gruppi ta' Ħidma kif ukoll Djalogu dwar il-Proprietà Intellettuali (IP). Il-Kumitat tal-FTA għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Korea li f'livell Ministerjali jiltaqa' ta' kull sena għandu rwol ta' sorveljanza u huwa mfassal sabiex jiġi żgurat li l-FTA jaħdem sew.

Fl-2013 ħafna mil-laqgħat tad-diversi kumitati u gruppi ta' ħidma saru biss fit-tieni nofs tas-sena kalendarja, minħabba r-riorganizzazzjoni tal-Gvern Korean fir-rebbiegħa tal-2013, wara

li s-Sa Park Geun-hye ġiet eletta bħala President. Bħala parti minn din ir-riorganizzazzjoni, il-kwistjonijiet kummerċjali ġew ittrasferiti minn dak li kien il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ għall-Ministeru tal-Kummerċ, l-Industrija u l-Enerġija li kien għadu kif inħoloq.

Minn wara t-tieni laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ li seħħet fis-16 ta' Ottubru 2012 fi Brussell, seba' (7) kumitati speċjalizzati u sitt (6) gruppi ta' ħidma ltaqgħu qabel tmiem l-2013, kif ġej:

Fis-26 ta' Novembru 2012, it-tieni **Kumitat Doganali** tlaqqa' Brussell. Dan adotta r-regoli ta' proċedura u ddiskuta l-aspetti differenti tal-implimentazzjoni tal-FTA, inkluża l-klawżola tat-trasport dirett, it-tessuti u l-prodotti tal-ħwejjeġ, il-possibbiltà li jiġi konkluż Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-Operaturi Ekonomiċi Approvati (AEO) u t-tikketta "Magħmul fl-UE". Il-partijiet komplew ukoll b'diskussjonijiet dwar l-interpretazzjoni tar-regoli speċifiċi ta' orijini għas-surimi, bl-għan li jintlaħaq ftehim.

Fis-27 ta' Novembru 2012, **il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni għal Rimedju Kummerċjali** ltaqqa' għall-ewwel darba Brussell. Matul il-laqgħa, iż-żewġ naħat skambjaw informazzjoni dwar il-prattiki rispettivi tagħhom u r-raġunijiet legali għall-introduzzjoni ta' dazji antidumping u kumpensatorji.

It-tieni laqgħa tal-**Kumitat dwar il-Kummerċ tas-Servizzi, l-Istabiliment u l-Kummerċ Elettroniku** saret Brussell fit-12 ta' Ġunju 2013. Iż-żewġ naħat iddiskutew firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet fl-oqsma tas-servizzi postali u ta' kurrier, is-servizzi ta' trasport, is-servizzi finanzjarji, is-servizzi ta' distribuzzjoni u s-servizzi legali. Dwar is-servizzi postali, ta' min jinnota li x-xogħol fuq il-prinċipji tar-riforma postali għandu jiġi konkluż sa Ġunju 2014. Il-Kumitat indirizza wkoll kwistjonijiet relatati mal-kummerċ elettroniku u l-istabiliment.

Fl-istess ġurnata, fit-12 ta' Ġunju 2013, **il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ftehimiet ta' Rikonoxximent Reċiproku (MRA) fil-Qasam tas-Servizzi**, ltaqqa' wkoll għat-tieni darba Brussell. Iż-żewġ naħat esprimew l-interess komuni tagħhom għall-promozzjoni tal-MRA fil-qasam tal-arkitettura u tal-ingerija, u t-tnejn kienu tal-fehma li mill-aktar fis possibbli l-partijiet interessati rilevanti kif ukoll l-assoċjazzjonijiet tan-negozju kellhom jiddiskutu l-aspetti sostantivi.

Fil-11 ta' Settembru 2013, il-Korea ospitat it-tieni laqgħa tal-**Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli** f'Seoul. Matul il-laqgħa, iż-żewġ naħat informaw lill-Kumitat dwar ix-xogħol tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi (DAGs) rispettivi tagħhom, u kull parti qasmet fehmitha dwar il-politiki tal-ambjent u tax-xogħol, anki fil-qasam tat-tibdil fil-klima (l-iskemi tal-iskambju għan-negozjar tal-emissjonijiet), il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ ta' prodotti ambjentali, il-politika tas-suq tax-xogħol wara l-kriżi ekonomika, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll ir-ratifika tal-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol. Barra minn hekk, l-UE min-naħa tagħha spjegat l-inizjattivi reċenti tagħha fil-ġlieda kontra l-qtuġħ illegali tas-siġar u l-kummerċ marbut miegħu. Iż-żewġ naħat iddiskutew ukoll il-kooperazzjoni skont l-Anness 13 tal-FTA. Barra minn hekk, Grupp ta' Ħidma dwar ix-Xogħol u Forum tas-Soċjetà Ċivili ġew organizzati fit-12 u fit-13 ta' Settembru 2013 mill-Gruppi Konsultattivi Domestiċi Koreani u tal-UE.

Fis-27 ta' Settembru 2012, **il-Kumitat għall-Kummerċ tal-Prodotti** ltaqqa' għat-tieni darba f'Seoul. Il-Kumitat qabel dwar l-elementi sostantivi tal-amministrazzjoni tal-kwota tariffarja,

u dan ippermetta li ż-żewġ partijiet jibdeu il-proċeduri rispettivi tagħhom sabiex il-Kumitat għall-Kummerċ tal-Prodotti jħejji Deċiżjoni. Il-Kumitat iddiskuta diversi kwistjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni f'oqsma bħat-trasparenza fl-introduzzjoni ta' regolamenti ġodda, ix-xorb alkoħoliku, l-ekwivalenza organika, il-kożmetiċi, il-prodotti elettroniċi u elettriċi, il-makkinarju, u l-industrija fotovoltajka.

It-tieni laqgħa tal-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji seħħet ukoll fit-12 ta' Settembru 2013, fil-belt ta' Sejong. Il-Kumitat iddiskuta kwistjonijiet bħalma huma l-proċeduri operazzjonali tal-Kumitat, kwistjonijiet ta' kooperazzjoni marbutin mat-trattament xieraq tal-annimali, iċ-ċanga, l-esportazzjoni tal-kiwi u tal-larinġ, it-tikkettar u t-trasparenza fl-introduzzjoni tal-miżuri SPS u s-soppa Samgyetang. Fil-marġini tal-laqgħa, fil-11 ta' Settembru, kien organizzat seminar ta' ġurnata għall-bini tal-fiduċja. In-naħa Koreana ppreżentat l-analiżi tar-riskju tal-importazzjonijiet u l-proċeduri ta' kwarantina għall-prodotti tal-annimali, filwaqt li n-naħa tal-UE ppreżentat, fost affarijiet oħra, il-miżuri li jggarantixxu s-sikurezza tal-prodotti tal-annimali meta jfaqqa' l-mard tal-annimali.

Fit-13 ta' Settembru 2013, il-Kumitat dwar iż-Żoni għall-Ipproċessar 'il Barra (OPZ) fil-Peniżola Koreana itaq' għat-tieni darba f'Seoul. Il-Korea tat aġġornament dwar is-sitwazzjoni marbuta mal-Kumplex Industrijali Gaeseong, iż-żona industrijali inter-Koreana li tinsab fil-Korea ta' Fuq. Il-Korea ppreżentat il-kriterji għall-OPZ, il-kundizzjonijiet sabiex Gaeseong tkun eliġibbli bħala OPZ u l-limitu massimu. Iż-żewġ naħat għarfu s-sensittività politika tal-kwistjoni, però qablu li jieħdu approċċ prattiku fid-diskussjonijiet dwar l-aspetti tekniċi.

Bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2013, ġew organizzati f'Seoul it-tieni serje ta' laqgħat tat-tliet Gruppi ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Parts tagħhom, il-Prodotti Farmaċewtiċi u l-Apparat Mediku u s-Sustanzi Kimiċi.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Parts iddiskuta ċerti kwistjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-FTA kif ukoll kwistjonijiet oħra dwar l-aċċess għas-suq fis-settur tal-karozzi. Dawn inkludew il-bejgħ ta' vetturi Euro 5 mgħammra bl-OBD fis-suq Korean, l-istandards tal-emissjonijiet tal-gass li jevapora, il-pjanijiet dwar regolamenti ġodda rigward l-emissjonijiet tas-CO2 fl-UE, il-proċeduri għall-użu tal-marka E fuq it-tajers, il-pjanijiet dwar regolamenti rigward l-emissjonijiet tal-vetturi diżil ġodda, id-direttiva dwar il-vetturi li ma jibqgħux jintużaw, l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, it-tajers li ma jaħlux fjuwil, il-konverġenza tar-regolamenti u tad-WP29 tal-UNECE, l-immarkar tal-parts tal-karozzi, u l-klassifikazzjoni tal-vetturi u tat-trakkijiet tal-irmonk tas-semirejlers.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Prodotti Farmaċewtiċi u l-Apparat Mediku ddiskuta r-riforma Koreana dwar il-prezz tar-rimborż tal-prodotti farmaċewtiċi, l-evalwazzjoni tal-prezzijiet tal-apparat mediku, il-bidla fil-perjodu ta' żmien għas-sottomissjoni tal-kummenti dwar deċiżjonijiet għar-rimborż tal-prodotti farmaċewtiċi u l-ittestjar tal-kwalità tal-prodotti farmaċewtiċi. Il-Korea ppreżentat talba ta' programm ta' ħidma bil-għan li tikkonkludi MRA għall-Prassi Tajba ta' Manifattura (PTM). Iż-żewġ naħat qablu li jesploraw kif jistgħu jsaħħu aktar il-kooperazzjoni f'dan il-qasam.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sustanzi Kimiċi skambja informazzjoni ma' kull naħa ta' REACH. Il-Korea spjegat il-pjan tagħha biex tintroduċi, digrieti ta' implimentazzjoni u biex tiżgura trasparenza matul il-proċess. L-UE offriet l-perspettivi tagħha dwar l-

implimentazzjoni tar-REACH tagħha. Iż-żewġ naħat provviżorjament qablu li jiskambjaw l-informazzjoni ta' kuntatt ta' kull naħa sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni teknika.

Fil-25 ta' Ottubru 2013, **il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (GIs)** ltaqa' għall-ewwel darba f'Seoul. L-abbozz tar-regoli ta' proċedura ġie diskuss iżda għadu ma ġiex adottat. Is-suġġett ewlieni tal-laqgħa kienet il-proposta tal-UE biex tinkludi l-GIs tal-UE l-ġodda fl-Anness 10-A tal-FTA. L-UE enfasizzat l-interess li l-Istati Membri tal-UE jagħtu lill-GIs u kemm hu importanti li l-lista tiżdied b'kemm GIs ikunu meħtieġa. Il-Korea ħabbret ukoll li għandha l-intenzjoni li tipproponi għal dan l-Anness il-GIs Koreani.

Fil-5 ta' Diċembru 2013, **il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali** ltaqa' għall-ewwel darba Brussell. Il-laqgħa kienet opportunità għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-politiki rispettivi tal-UE u tal-Korea fil-qasam kulturali u awdjoviżiv. Il-Kumitat adotta wkoll ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu u vvaluta l-implimentazzjoni tal-Artikoli 5.4, 5.5 u 5.6 (dwar id-dritt mogħti għall-koproduzzjonijiet) tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali. Ta' min jinnota li kif stipulat fil-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali, il-Kumitat għall-Kummerċ ma għandu l-ebda ġurisdizzjoni fuq il-Protokoll, u għalhekk il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali jeżerċita l-funzjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ fir-rigward ta' dan il-Protokoll.

It-tielet laqgħa tal-**Kumitat għall-Kummerċ** saret fil-15 ta' Ottubru 2013 f'Seoul. Din kienet ikkopreseduta mill-Kummissarju Karel De Gucht u mill-Ministru Korean għall-Kummerċ, l-Industrija u l-Enerġija, is-Sur Yoon Sang-jick. Il-Kumitat ivvaluta l-iżvilupp tal-kummerċ bilaterali wara li għaddew sentejn mill-implimentazzjoni tal-FTA, u kkonkluda li ż-żewġ partijiet bbenefikaw mill-FTA, b'mod partikolari meta jiġi kkunsidrat il-kummerċ kompletament jew parzjalment liberalizzat, fejn l-esportazzjonijiet taż-żewġ naħat żdiedu. Iż-żewġ naħat qajmu l-kwistjonijiet rispettivi tagħhom dwar l-implimentazzjoni, inkluż l-immarkar tal-parts tal-karozzi, l-impenji tal-FTA fis-settur tas-servizzi, iż-żoni għall-ipproċessar 'il barra, u l-infurzar tal-FTA. Iż-żewġ naħat laqgħu b'sodisfazzjon il-progress li sar dwar l-emendar tal-FTA minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE, u ddiskutew is-sitwazzjoni dwar emendi oħra fl-FTA mitluba mill-UE, inkluża r-reviżjoni tal-klawżola marbuta mat-trasport dirett, il-klawżola dwar prodotti li jerġgħu jidħlu wara li jissewwew, l-inklużjoni tat-trakkijiet tal-irmonk u li jiġu emendati xi standards skaduti fis-settur tal-karozzi.

Fl-aħħar nett, **is-Summit bejn l-UE u l-Korea** sar Brussell fit-8 ta' Novembru. L-UE kienet irrappreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, Herman Van Rompuy u l-President tal-Kummissjoni Ewropea, José Manuel Barroso. Il-Korea kienet irrappreżentata mill-President Park Geun-hye. Iż-żewġ naħat qablu li l-implimentazzjoni sħiħa tal-FTA hija importanti u ħeġġu lill-uffiċjali tal-kummerċ tagħhom sabiex ikomplu d-diskussjonijiet tagħhom ħalli jsibu soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni identifikati mill-kumitati tal-FTA u mill-gruppi ta' ħidma, inkluż il-Kumitat għall-Kummerċ marbut mal-FTA bejn l-UE u l-Korea, bl-għan li s-saffi kollha tal-partijiet interessati ekonomiċi taż-żewġ naħat jieħdu l-benefiċċji mistennija. Iż-żewġ naħat laqgħu wkoll b'sodisfazzjon il-ftehim dwar it-test tal-Protokoll Addizzjonali tal-FTA, li jieħu inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE fl-1 ta' Lulju 2013, u qablu li jħaffu l-proċess li jwassal għall-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll. Qablu wkoll li jkomplu jaħdmu flimkien sabiex jiżguraw il-funzjonament tal-FTA, fi spirtu tas-sħubija strateġika.

4. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KAPITOLU 13 TAL-FTA DWAR IL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

It-tieni laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (CTSD) saret f'Seoul fil-11 ta' Settembru 2013. Matul il-laqgħa ż-żewġ naħat laqgħu b'sodisfazzjon id-diskussjonijiet miftuħa u kostruttivi dwar kwistjonijiet ta' politika ambjentali u tal-impjiegi relatati mal-kummerċ, bħala bażi tajba għal aktar djalogu. Il-Kumitat provviżorjament qabel li jagħmel il-laqgħa tiegħu li jmiss fl-ewwel nofs tal-2015.

Sessjoni ta' ħidma relatata max-xogħol seħħet fil-marġini tal-laqgħa tal-Kumitat fit-12 ta' Settembru. Attendew għaliha l-membri tal-Forum tas-Soċjeta' Ċivili (CSF) li huwa l-forum konġunt bejn Gruppi Konsultattivi Domestiċi (DAGs) mill-Korea u mill-UE. Fuq talba mill-Kummissjoni u d-DAG tal-UE, partijiet interessati oħra li mhumiex membri rispettivi taż-żewġ DAGs attendew ukoll is-sessjoni ta' ħidma. L-interventi inkludew preżentazzjonijiet bl-opinjoni tad-DAGs dwar l-implimentazzjoni fil-liġi u fil-prattika tal-istandards tax-xogħol ewlenin tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) relatati ma' xogħol furzat u l-libertà ta' assoċjazzjoni, kif ukoll id-dritt għal negozjar kollettiv, li għadhom ma għewx irratifikati mill-Korea. Rigward il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv, xi parteċipanti semmew ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa għall-Korea tal-korpi superviżorji tal-ILO, b'mod partikolari tal-Kumitat dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni. Il-preżentazzjonijiet kienu segwiti minn diskussjoni miftuħa bejn id-DAGs u l-partijiet interessati l-oħra.

Fl-aħħar nett, il-kopresidenti tas-CTSD taw aġġornament tad-diskussjonijiet tal-Kumitat fil-Forum tas-Soċjeta' Ċivili, li saru fit-13 ta' Settembru. L-aġġornament intbagħat ukoll lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Il-Forum tas-Soċjeta' Ċivili ddiskuta r-regoli ta' proċedura tiegħu, il-konklużjonijiet tiegħu tas-sessjoni ta' ħidma, it-tkabbir ekoloġiku u l-kummerċ internazzjonali.

5. L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT (UE) NRU 511/2011

Ir-Regolament (UE) Nru 511/2011 huwa l-leġislazzjoni interna tal-UE sabiex tiġi implimentata l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali tal-FTA bejn l-UE u l-Korea.

Kif previst mill-Artikoli 3 u 11 tar-Regolament (UE) Nru 511/2011, il-Kummissjoni ilha ssegwi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' prodotti Koreani f'setturi sensitivi, bħall-karozzi, il-parts tal-karozzi, it-tessuti u prodotti elettroniċi għall-konsumatur, li potenzjalment jintlaqtu mir-rifużjoni tad-dazju. Sa mill-applikazzjoni provviżorja tal-FTA f'Lulju 2011, il-Kummissjoni, kull xahrejn, qasmet ir-riżultati tal-monitoraġġ tagħha mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-partijiet interessati rilevanti.

Dan ir-Regolament jipprevedi wkoll il-possibbiltà li tinbeda investigazzjoni ta' salvagwardja jew li jiġu introdotti miżuri ta' sorveljanza preliminari, taħt ċerti kondizzjonijiet definiti fir-Regolament. Matul it-tieni sena tal-implimentazzjoni tal-FTA, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda talba sabiex tinbeda investigazzjoni ta' salvagwardja, jew sabiex jiġu introdotti miżuri ta' sorveljanza preliminari.

5.1. L-iżvilupp tal-importazzjonijiet Koreani lejn l-UE fis-setturi koperti mill-monitoraġġ

Ir-riżultati tal-monitoraġġ matul it-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-FTA jidhru fil-qosor flimkien mal-graffs korrispondenti hawn taħt. Ta' min jinnota li għall-finijiet tal-monitoraġġ, it-tqabbil tad-dejta dwar il-kummerċ sar abbażi ta' sena ma' oħra, u għaldaqstant xi ċifri jistgħu jkunu differenti mill-analiżi tal-kummerċ ġenerali fil-punt 2 ta' hawn fuq, fejn intuża metodu differenti għat-tqabbil.

Ta' min ikompli jinnota li t-tqabbil skont l-eżerċizzju ta' monitoraġġ huwa bbażat fuq il-kwantitajiet importati mill-Korea lejn l-UE, jiġifieri bħala unitajiet fil-każ tal-karozzi u bħala 1 000 kg fil-każ ta' parts tal-karozzi, tessuti u prodotti elettroniċi.

(i) Is-settur tal-karozzi


L-importazzjonijiet ta' karozzi mill-Korea fl-UE żdiedu b'41 % fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-FTA (Lulju 2011 - Ġunju 2012) meta mqabbla mas-sena ta' qabel li l-FTA ġie applikat provviżorjament (Lulju 2010 - Ġunju 2011). Din iż-żieda ġiet segwita minn tnaqqis fl-importazzjonijiet ta' 13 % matul it-tieni sena mill-implimentazzjoni tal-FTA (Lulju 2012 – Ġunju 2013) meta mqabbla mas-sena ta' qabel. It-tendenza għal tnaqqis hija valida għall-karozzi b'magni żgħar, kif ukoll għal karozzi b'magni medji kif ukoll kbar. Meta jitqiesu t-tendenzi fuq terminu twil, l-importazzjonijiet tal-karozzi jidhru li stabbilizzaw ruħhom f'livell ferm aktar baxx minn dak tal-perjodu bejn Lulju 2007 u Ġunju 2008.

Fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-parts tal-karozzi, żieda qawwija ta' 47 % seħħet fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-FTA meta mqabbla mas-sena qabel ma l-FTA kien applikat provviżorjament. Din iż-żieda kienet konformi mat-tendenza dejjem tiżdied li kienet diġà bdiet fil-perjodu bejn Lulju 2008 u Ġunju 2009. Madankollu, fit-tieni sena tal-implimentazzjoni tal-FTA, l-importazzjonijiet tal-parts tal-karozzi żdiedu bi 2 % biss, meta mqabblin mal-ewwel sena tal-implimentazzjoni, u dan jissuġġerixxi li l-livelli ta'

L-importazzjonijiet Koreani fis-settur tal-karozzi (inklużi l-parts tal-karozzi)

(unitajiet)	Lul 07-Ġun 08	Lul 08-Ġun 09	Lul 09-Ġun 10	Lul 10-Ġun 11	Lul 11-Ġun 12	Lul12-Ġun13	Var mas-sena preċ
Magni tal-elettriku	1	67	3	26	17	57	235%
Magni żgħar	227,337	162,225	161,858	118,969	208,574	171,256	-18%
Magni medji/kbar	300,443	161,675	168,621	151,604	172,417	159,658	-7%
It-total ta' karozzi (8703)	527,781	323,967	330,482	270,599	381,008	330,971	-13%
<i>Indiċi</i>	<i>100</i>	<i>61</i>	<i>63</i>	<i>51</i>	<i>72</i>	<i>63</i>	

(1000 kg)	Lul 07-Ġun 08	Lul 08-Ġun 09	Lul 09-Ġun 10	Lul 10-Ġun 11	Lul 11-Ġun 12	Lul12-Ġun13	Var mas-sena preċ
Parts tal-karozzi (8708)	131,810	119,002	141,434	193,662	284,750	289,182	2%
<i>Indiċi</i>	<i>100</i>	<i>90</i>	<i>107</i>	<i>147</i>	<i>216</i>	<i>219</i>	




(ii) Is-settur tat-tessuti

L-importazzjonijiet tat-tessuti Koreani naqsu b' 16 % fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-FTA meta mqabbla mas-sena qabel mal-FTA kien applikat provviżorjament. Din it-tendenza kompliet bi tnaqqis ieħor ta' 6 % fit-tieni sena tal-implimentazzjoni tal-FTA, meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

L-importazzjonijiet Koreani fis-settur tessili


(1000 kg)	Lul 07-Ġun 08	Lul 08-Ġun 09	Lul 09-Ġun 10	Lul 10-Ġun 11	Lul 11-Ġun 12	Lul12-Ġun13	Var mas-sena preċ
5204	0.3	7.1	9.4	7.5	26.7	5.2	-81%
5205	78.2	37.3	101.8	1,155.3	715.5	896.7	25%
5206	1.7	0.0	0.0	21.0	0.0	0.0	0%
5207	4.5	0.2	0.5	0.2	0.2	0.0	-100%
5408	3,832.7	2,677.8	2,226.0	2,385.9	2,226.1	1,953.2	-12%
5509	474.2	297.2	388.5	247.9	309.1	159.5	-48%
5510	33.1	16.8	84.4	166.9	75.2	150.7	100%
5511	14.6	7.0	20.5	12.1	0.3	0.0	-100%
It-total tas-settur tessili	4,439	3,043	2,831	3,997	3,353	3,165	-6%
Indiċi	100	69	64	90	76	71	



(iii) Is-settur tal-prodotti elettroniċi

L-importazzjonijiet tal-prodotti elettroniċi Koreani żiedu bi 8 % fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-FTA meta mqabbla mas-sena qabel ma l-FTA kien applikat provviżorjament. Din iż-żieda ġiet segwita minn tnaqqis ta' 13 % fit-tieni sena ta' implimentazzjoni, meta mqabbla mal-ewwel sena.

L-importazzjonijiet Koreani fis-settur elettroniku



5.2. Ir-rifużjoni tad-dazju

Twettaq ukoll monitoraġġ speċifiku mill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni tar-rifużjoni tad-dazju fir-rigward tar-regoli tal-orġini kif hemm previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 511/2011, sabiex ikun ivvalutat il-kontenut barrani fil-proċess tal-manifattura Koreana u għaldaqstant fl-esportazzjonijiet tal-prodotti finali mill-Korea lejn l-UE.

L-analiżi ffukat fuq kwantitajiet ta' prodotti li kienu suġġetti għall-monitoraġġ matul l-ewwel sitt xhur tal-2013, meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2012.

Fis-settur tal-prodotti elettroniċi, l-iżvilupp tal-importazzjonijiet Koreani fl-UE evolva prinċipalment għal dawn il-kodiċijiet HS: 8519.81, 8521.90, 8526.92, 8527.21, 8528.51, 8528.71 u 8528.72. Għal xi uħud minn dawn il-kodiċijiet l-

importazzjonijiet matul is-sena varjaw iżda mingħajr ma wrew xi żieda jew tnaqqis globali sinifikanti. L-importazzjonijiet mill-Korea ta' partijiet minn dawn il-prodotti naqsu: għal HS 8522 kien hemm tnaqqis ta' importazzjonijiet miċ-Ċina (-20 %) u mill-Ġappun (-52 %), filwaqt li għal HS 8529 kien hemm tnaqqis żgħir miċ-Ċina (-0,29 %) u tnaqqis aktar sinifikanti mill-Ġappun (-6,9 %).

Rigward it-**tessuti**, l-unika żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet mill-Korea għall-UE kienet tinvolvi prodotti tal-kodiċi HS 5205 (+37 %). Għal dan il-prodott, ir-Regoli tal-Oriġini jippermettu l-importazzjoni ta' prodotti ta' fibri naturali tal-qoton. Għall-kuntrarju, għal prodott bil-kodiċi HS 5509, l-importazzjonijiet naqsu b'67 %.

Rigward il-**karozzi**, kien hemm żieda globali fl-importazzjonijiet Koreani fl-UE (medja ta' +4,9 %), taħt il-kodiċi HS 8703, anke jekk din iż-żieda ma tapplikax għat-tipi kollha ta' karozzi, iżda tiddependi fuq id-daqs tal-magna. Sadanittant, l-importazzjonijiet ta' inputs ta' komponenti tal-karozzi taħt il-kodiċi HS 8708 fil-Korea żdiedu wkoll bl-istess proporzjon, b'6 % miċ-Ċina. Fl-istess waqt, l-importazzjonijiet ta' parts simili mill-Ġappun naqsu b'27 %.

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, jista' jiġi konkluż li sa issa l-konċessjoni tar-rifużjoni tad-dazju għal prodotti suġġetti għal monitoraġġ speċifiku ma jidher li ħallet xi impatt sinifikanti fuq ix-xejra tal-manifattura fil-Korea. B'mod partikolari ma wasslitx għal żieda fl-importazzjonijiet ta' inputs minn pajjiżi ġirien tal-Korea.

6. KONKLUŻJONI

Abbażi tas-sentejn minn meta ġie implimentat l-FTA, huwa ċar li f'termini ta' żvilupp ta' kummerċ bilaterali, l-FTA b'mod ġenerali ħadem tajjeb ħafna partikolarment għall-UE. L-esportazzjoni tal-prodotti żdiedet b'24 %, jew EUR 7 biljun fit-tieni sena ta' implimentazzjoni, meta mqabbla mas-sena qabel ma ġie applikat provviżorjament l-FTA. Apparagun ta' dan, l-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-bqija tad-dinja żdiedu bi 17 % matul l-istess perjodu. Filwaqt li l-importazzjonijiet mill-Korea naqsu b'6 %, prinċipalment minħabba raġunijiet li mhumiex direttament marbuta mal-FTA, l-importazzjonijiet ta' prodotti liberalizzati kompletament jew parzjalment żviluppaw b'mod pożittiv kemm għall-UE kif ukoll għall-Korea, u kolloxx ma' kolloxx żdiedu aktar mill-esportazzjonijiet. L-esportaturi wkoll qed jagħmlu aktar użu mit-tariffi preferenzjali, b'żieda fir-rati tal-użu b'mod partikolari min-naħa tal-UE, għalkemm għad hemm lok għal titjib f'dan il-qasam.

L-attenzjoni tibqa' fuq l-implimentazzjoni korretta tal-FTA sabiex l-esportaturi jkunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji li jistennew mill-ftehim. Għad hemm xi kwistjonijiet ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari fis-settur ta' vetturi bil-mutur u l-parts. Se jkomplu d-diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet waqt il-laqgħat u s-segwitu tagħhom f'diversi Kumitati u Gruppi ta' Ħidma stabbiliti mill-FTA, bil-ħsieb li jinstabu soluzzjonijiet reċiprokament aċċettabbli u fattibbli, f'konformità mat-test u l-ispirtu tal-FTA.

Fil-marġini tas-Summit bejn l-UE u l-Korea f'Novembru 2013, l-UE u l-Korea bdew Protokoll Addizzjonali li jemenda l-FTA minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE. Se jkomplu d-diskussjonijiet sabiex l-FTA jkompli jiġi emendat bil-ħsieb li jaġevola aktar il-kummerċ. Dawn l-emendi huma fl-interess taż-żewġ naħat u eventwalment l-esportaturi u l-konsumaturi fl-UE kif ukoll fil-Korea se jibbenefikaw minnhom.